# IS-SUR NIN CREMONA KIF NAFU JIEN

Minn ĠUŻÈ CARDONA

IS-SUR Nin Cremona kellu ħafna kwalitajiet li għalihom jibqa' jissemma. Ħafna jaraw fih il-grammatiku, oħrajn folklorista; min jammirah bħala l-kittieb ta' IL-FIDWA TAL-BDIEWA u min jarah bħala l-aħjar bijografu, l-aktar b'VASSALLI U ŻMENIJIETU. Mhux ta' min jinsa s-sehem tiegħu bħala filologu, imma jien niftakru bħala bniedem studjuż imma fl-istess ħin ċajtier; bniedem ta' reqqa b'umanità kbira; raġel sinċier u ta' żaqqu f'fommu; ħaddiem ħabrieki bla fanfarunati; impjegat tal-gvern mill-aħjar imma fuq kollox raġel fuq l-irġiel li qatt ma ħadem għall-flus, imma biex ikun għamel dmiru sewwa u kif imiss.

Niftakru jgħin u jinkoraġġixxi kittieba u studenti żgħażagħ bħali, u ma jixba' qatt ifiehem xi punti interessanti tal-grammatika, tal-lingwistika u ta' l-etimoloġija. Darba, xi xahar qabel ma għamilt l-ewwel eżami tal-B.A.(Hons.) fl-1960 kont għidtlu li ma kontx naqbel miegħu fuq xi regoli tal-Grammatika, u hu bl-umiltà kollha qalli li meta sawwar il-kotba tiegħu ma kienx hawn l-istudju ta' llum u jista' jkun li għandi raġun... imma kien lest biex jiddiskuti dawn il-punti u stedinni biex immur għandu Raħal Ġdid.

Dik id-diskussjoni kienet il-bidu ta' ħafna oħrajn u b'hekk trabbiet bejnietna ħbiberija li ntemmet biss bil-mewt tas-sur Nin fl-4 ta' Jannar 1972. Kont ilni nafu lis-sur Cremona mill-1944 meta dħalt l-ewwel darba l-Università, imma fl-aħħar 12-il sena sirna ħbieb ta' ġewwa.

Kien iħobb jiġi jqatta' xi jum għandi Tas-Sliema u jien ġieli qattajt xi jumejn għandu r-Rabat, Għawdex fil-mezzanin li kellu Triq Palma. Meta fl-1960 l-Università tagħna tatu l-Grad ta' Duttur fil-Letteratura Honoris Causa, jien ħadt ħsieb biex l-Għaqda tal-Malti Università nagħmlulu Lejla Mużiko-Letterarja u hu wara din l-okkazjoni twebbel bl-idea li jien kelli nkun il-bijografu tiegħu u għalhekk xtaq li mmur miegħu meta hu jkun il-mistieden tal-ġieh.

Miegħu kont meta sarulu żewġ laqgħat f'ġiehu, waħda Malta fl-*Institute for Cultural Relations*, imwaqqaf u mmexxi minn Dr. V.M. Pellegrini LL.D. u oħra Għawdex mis-surmastrijiet tal-Liċeo. Niftakar li kien qalli, meta kont bdejt il-bijografija ta' Dun Karm: "*Biex tikteb ħajti ma jkollokx taħbit wisq, għax ħafna mill-materjal issibu miġbur, flimkien ma' ħafna*

*ritratti.*" Jien weġibtu li mhix ħaġa ħafifa tikteb ħajtu, billi kien għex ħajja aktar movimentata minn ta' Dun Karm.

Is-sur Nin kien bniedem li meta jaqbad jitkellem ma jiqafx u jinsa kollox u dwar dan niftakar żewġ anneddoti ħelwin. Darba dħalna nieħdu kafè minn Triq Tijatru u dam jitkellem xi siegħa u nofs u ħriġna 'l barra friski daqs ħassa, x'ħin ġera għal warajna jgħajjat b'ħanġra daqsiex ittfajjel qaddej tal-ħanut: *Sinjur, ma ħallastnix.* It-tajba hi li billi s-sur Nin ma kienx jieħu, ħadha mat-tifel għax ma setax jifhmu. Darb'oħra ħriġna mill-Università, iżda meta wasalna Triq l-Arċisqof waqaf ħesrem u qalli: "*Stenna, stenna, għax qed niftakar li l-ġimgħa l-oħra mort niekol il-klabb ta' l-Università u ma ħallastux...*" Dan biex nuri kif is-sur Nin meta jibda jitkellem tant kien jentużjażma ruħu u lil min jisimgħu li kulħadd jinsa l-ħlas.

Ħaġa oħra li kienet tolqotni fis-sur Nin kienet in-nuqqas ta' xeħħa, għalkemm kellu pensjoni ta' 30 sena ilu! Meta kont immur għandu (u bħali jixhed ħaddieħor) dejjem ried iżoqqni u kien galantom ukoll fejn tidħol il-letteratura. Kien iħobb iqassam ix-xogħlijiet tiegħu lill-ħbieb u darba għax xtaq ikun rappresentat b'poeżiji ġodda f'antoloġija ħareġ hu nnifsu l-flus biex jidhru poeżiji aħjar. Storja oħra ħelwa kienet dik ta' meta għaqda li ma kellhomx wisq flus kienu stednuh għal festin u jien kont mort miegħu. Qalli: "*Se jagħmluli festin, imma talbuni biex inġib miegħi xi tliet fliexken wiski...*" u ta' galantom li kien talabni nżommlu t-tliet fliexken li kien għadu kemm xtara.

Ma nistax ma nħobbux lis-Sur Nin għax kull meta kien jagħmilli xi pjaċir kien jagħmilhuli minn qalbu u kultant b'sagrifiċċju personali. Kull meta mort miegħu għal xi okkażjoni Għawdex lili tani l-aħjar kamra filmezzanin tiegħu, u meta ħajjarni biex intella' l-familja hu kien iħallilna l-mezzanin kollu u hu jmur jorqod għand in-neputijiet.

Dan il-mezzanin fi Triq Palma ħajjarni nikteb il-poeżija *Did-Dwejra Bħall-Ħajja*, u fiha ddeskrivejt il-qawwa u l-kobor tal-poeta Ninu Cremona, bniedem li jinqata' mill-bqija ta' sħabu u jsaltan fuq id-dinja bi ħsebijietu, l-aktar fi IL-FIDWA TAL-BDIEWA.

Il-bżulija tas-sur Nin kienet ta' l-għaġeb u billi dam jaħdem bla waqfien is-snin qatt ma ħassu jixjieħ, u kif jaf kulħadd, kien donnu jaħseb li hu etern. Kliemu kien: "*dan l-aħħar bdejt biċċa xogħol oħra, u malli nispiċċaha nibda xi ħaġa oħra.*" Billi kien iħobb jippjana kien jasal biex iwettaq ħafna ħidmiet u qatt ma qagħad jitħasseb fuq iż-żmien li Alla kellu jisilfu, jew jilgħabha li ħadem biżżejjed u seta' jistrieħ. Dwar ittul taż-żmien, meta seba' snin ilu kont miegħu Għawdex kien qalli bit-

tilwima ħelwa li kellu ma' kuġinuh, l-Isqof Pace. Is-sur Cremona kien mar għandu biex iġedded iċ-ċens ta' dak l-imbierek mezzanin u l-Isqof qallu li mhemmx għalfejn jieħdu għal ħafna snin. Is-sur Nin telgħulu u niftakar qalli li wieġbu: "*Kemm sa ngħix mhux biċċa tiegħek u jekk jogħġbok toqgħodx tindaħal 'l Alla kemm sa jħallini ħaj*". U hawn l-Isqof infaqa' jidħaq u ġedded iċ-ċens għal nofs iż-żmien li talbu Cremona.

Dr. Cremona kien joħroġ mill-but għall-Moviment tal-Malti u meta kien isib xi ħaġa tajba u rħisa ma kienx jaħseb f'rasu imma fl-GĦAQDA TAL-KITTIEBA. Meta darba sab sett siġġijiet xtrahom għal l-*Għaqda* u meta l-Kaptan Zammit, bin Sir Temi, offrielu d-dritt tal-kotba ta' missieru, is-Sur Cremona għadda din l-offerta lil l-Għaqda u b'hekk stagħniet.

Fl-aħħar ta' ħajtu s-sur Nin kellu l-inkwiet tiegħu mżewwaq b'xi ferħa 'l hawn u 'l hinn. Kellu l-inkwiet tad-dar ta' Raħal il-Ġdid, tal-lariġ li jgħib mis-siġar, tal-konsum ta' l-ilma, u ta' xi kotba li xtaq ibigħ f'ħajtu. Kellu l-pjaċir jara ħafna Għawdxin u Maltin iqimuh f'egħluq id-disgħin sena tiegħu u l-Università tagħtih pranzu f'lukanda Għawdex, imma ħass mhux ftit meta l-amministrazzjoni ċaħditlu pensjoni mitluba mill-Għaqdiet tal-Malti u mill-Poplu. Feraħ mill-banda l-oħra meta fuq suġġeriment tiegħi l-għaqda *The Clique* ħadmulu IL-FIDWA TAL-BDIEWA fil-ġonna ta' Verdala quddiem il-Gvernatur Ġenerali, wara li dam itella' u jniżżel jekk l-atturi kinux imħarrġin biżżejjed... u kelli nitħabat mhux ftit, u flimkien miegħi, neputih, Victor Apap, biex inserraħlu moħħu. Imma donnu ma kienx kuntent għal kollox, għax xtaq xi xeni aktar grandjużi, u kien tassew interessanti dik il-lejla tal-wirja jagħmel *running commentary* tad-dramm, u aħna ħbiebu, fir-ringiela ta' warajh insikktuh mill-aħjar li nistgħu.

Imma ż-żmien ma jaħfirha lil ħadd u xejjen ukoll il-ġisem ta' Dr. Ninu Cremona, imma ruħu, dehnu, tjubitu u qlubitu ma jgħibu qatt minn fostna li tant ħabbejnieh f'ħajtu li ma ninsewh qatt f'mewtu.